MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 49/2012

**Bank of Valletta PLC**

**Vs**

**Diane Marie Boyd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fit-8 ta' Frar 2012 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimata thallasha s-somma ta' tlett elef disa mija u tnejn u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (3,922.20) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' taghha mal-Bank of Valletta flimkien ma'l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Novembru 2011 sad-data tal-pagament effettiv, u dana wara illi kissret il-

kundizzjonijiet minnha accettat f'zewgt skritturi privati ta’ l-24 ta' April 2003 u ta’ l-20 ta' Lulju 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tal-5 ta' Settembru 2011 u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment.

Rat illi fil-15 ta' Frar 2012 l-intimata giet notifika bl-avviz u fis-7 ta' Marzu 2012 hija pprezentat nota ta' ammissjoni minnha guramentata dakinhar stess.

Il-Qorti, ghalhekk, wara illi rat l-ammissjoni ta’ l-intimata

Taqta u tiddeciedi billi;

Tilqa t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz u tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tlett t’elef disa mija u tnejn u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€ 3,922.20) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Novembru 2011 sad-data tal-pagament effettiv,

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tal-5 ta' Settembru 2011 u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie ipprezentat kontestwalment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------